MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 14/2022LM

**Bijay Malla (Passaport Nepaliż nru. 11151657)) u b'digriet tal-24 ta' Jannar, 2023 ġew maħtura bħala kuraturi deputati l-Avukat Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo sabiex jirrappreżentaw lill-appellat assenti**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tal-25 ta' Frar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni

[minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’] fil-konfront tal-appellat **Bijay Malla (Passaport Nepaliż nru. 11151657)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’], fejn filwaqt li għamel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 u dawk tal-L.S.217.17, laqa’ l-appell tal-appellat u rrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta tas-7 ta’ April, 2021.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti. Jirriżulta li l-appellat huwa ċittadin tan-Nepal, fejn ukoll jirrisjedi. Fil-15 ta’ Frar, 2021 il-kumpannija Clean & Care Ltd issottomettiet għan-nom tiegħu lill-appellanta applikazzjoni għal permess uniku *ai termini* tal-L.S.217.17, iżda din ġiet irrifjutata fis-7 ta’ April, 2021 *“...on grounds of public policy and public security.”.*

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat appella din id-deċiżjoni quddiem il-Bord fit-13 ta’ April. 2021, fejn talab sabiex id-deċiżjoni tal-appellanta tiġi mħassra.

4. L-appellanta għażlet li ma tweġibx.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board noted that the Agency's decision was addressed not to the appellant but to the prospective employer (Clean & Care Limited – 24 "Sans Souci", Triq Brighella, Birkirkara). This is in clear violation of Regulation 15 of S.L. 217.17, which requires decisions to be served on the applicant personally.*

*At this point, the Board states that it is aware of the judgment of the Court of Appeal **Dragana Stoiljkovic vs Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**, decided on 21st April 2021. In that case, the Court of Appeal held that the right of appeal may be exercised only by the applicant, not by the prospective employer.*

*Whereas the Board embraces the judgment of the Court of Appeal, the Board observes that in this specific case, the Agency sent its decision to the prospective employer, not to the applicant himself. It is therefore to be expected that the appeal was filed not by the appellant, but by Ms Jenny Rose Gatt as a director of Clean & Care Limited. The appellant could have appealed only if the Agency had abided by Regulation 15 of S.L. 217.17 and sent is decision to the appellant's own postal address.*

*The Board saw that in its decision, the Agency failed to describe what information or documentation was allegedly missing. In **Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, decided by the Court of Appeal on 6th October 2010, it was stated:*

"...il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull ġudikat, mhux neċessarju li din tkun waħda bilfors elaborata, u tista', anzi tkun waħda skematika, basta li minnha tkun tista' tiġi individwata r-raġuni li titqiegħed abbażi tad-deċiżjoni."

*Furthermore, in the case **Gary Mifsud vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija,** (8th October 2018), the Administrative Review Tribunal stated:*

"Illi l-motivazzjoni wara deċiżjoni amministrattiva hija essenzjali, anke jekk il-liġi tkun siekta, sabiex iċ-ċittadin jitpoġġa f'posizzjoni li jifhem ir-raġuni tar-rifjut u jekk iħossu aggravat bl-istess deċiżjoni ikun jista' jintavola appell abbażi tal-istess motivazzjoni."

*The Agency failed to explain what public policy or public security concerns motived its decision. The Board cannot blindly adopt the Agency's conclusions or the conclusions sent to the Agency by stakeholders. In addition, the Agency's decision constitutes a sweeping statement. As the Court of Appal held in* ***Istok Lazarevic vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza*** *(decided on 11th February 2019), the executive branch must state why the appellant poses a threat to public policy and public security and not simply claim that he is a threat.*

*For the sake of completeness, the Board notes that in line with the judgment of the Court of Appeal* ***Fabio Vespa vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati,*** *it carried out an online search and found no judgments of a criminal nature against the appellant which were available online."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 2022, fejn qiegħda titlob sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u sabiex tordna lill-Bord jieħu konjizzjoni tar-risposta tagħha tas-27 ta' Mejju, 2021, u jiddeċiedi l-każ odjern skont il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li kien hemm nuqqas ta' parità ta' armi fil-proċedura ta' quddiem il-Bord meta r-risposta tagħha għal xi raġuni ma ġietx inserita fl-atti. Kontestwalement mar-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta ppreżentat rikors fejn talbet lil din il-Qorti sabiex (a) tawtorizzaha tippreżenta t-tweġiba tagħha li hija kienet intavolat quddiem il-Bord fis-27 ta' Mejju, 2021; u (b) tressaq xhud rappreżentant tagħha sabiex jixhed *viva voce* jew permezz tal-affidavit; u dan skont kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq li għandha tagħti. Il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-

appellanta permezz tad-digriet tagħha mogħti waqt l-udjenza tat-2 ta' Ġunju, 2023.

7. Wara li ġew nominati minn din il-Qorti l-Avukat Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-appellat assenti, l-imsemmija kuraturi deputati ppreżentaw it-tweġiba tagħhom fit-28 ta' April, 2023, fejn irrilevaw li f'dak l-istadju huma ma kienux edotti mill-fatti. Għaldaqstant huma rriżervaw li jippreżentaw risposta f'stadju ulterjuri tal-proċeduri, jekk dan ikun il-każ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta, fejn qiegħda tikkontendi li ma kienx hemm parità ta' armi fil-proċeduri quddiem il-Bord, u dan għaliex it-tweġiba tagħha tar-rikors promotur ma kienitx ġiet inserita fl-atti, u għaldaqstant il-Bord ma ħax konjizzjoni tagħha. Tgħid li dan sar bi żvista jew nuqqas min-naħa tal-Bord, iżda wassal sabiex dan ikkunsidra biss is-sottomissjonijiet tal-appellat. Hija tinsisti wkoll fuq il-prinċipju *audi alteram partem* li jitlob li enti ġudikanti jisma' ż-żewġ qniepen qabel ma jieħu deċiżjoni dwar il-każ. Tgħid li dan il-prinċipju jista' biss jiġi rrispettat jekk din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord u tibgħat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeċiedi t-talba tal-appellant. Hawnhekk l-appellanta tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet **Albertus Johannus Leonard Springer *vs.* The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**. Tispjega li f'dawk il-proċeduri kien hemm l-istess ċirkostanza u l-Qorti

bagħtet lura l-atti quddiem il-Bord sabiex wara li jieħu konjizzjoni tar-risposta tagħha, jisma' l-appell mill-ġdid u jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu.

9. Il-Qorti, wara li kkunsidrat ix-xhieda tal-**Avukat Chanel Bantick** rappreżentanta ta' Identity Malta Agency, mogħtija waqt l-udjenza tat-2 ta' Ġunju, 2023, tgħid li m'għandha l-ebda dubju dwar il-kontenut ta' dak li qalet. Jidher madankollu li seta' kien hemm lok għal xi konfużjoni min-naħa tal-Bord. Tirrileva li għalkemm l-*email* mibgħuta minn Dorian Zammit mill-MHSE lill-Avukat Chanel Bantick, u li din sussegwentement għaddiet lil persuni oħra li wkoll jaħdmu mal-appellanta, tindika numru ta' referenza SP 6055a ċitat mill-istess Avukat Chanel Bantick waqt ix-xhieda tagħha u li jikkorrispondi man-numru fuq il-*file* tal-appellanta esebit fl-atti, it-tweġiba tagħha għan-nom tal-appellanta li kopja tagħha ġiet ukoll esebita mix-xhud tindika numru ta' referenza SP/6055.21 kif ġie wkoll indikat fl-*email* tagħha lil Dorian Zammit tas-27 ta' Mejju, 2021 fejn ġew annessi d-diversi tweġibiet tal-appellanta għall-appelli ntavolati kontriha. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tikkunsidra li seta' kien hemm malintiż li seta' wassal sabiex it-tweġiba tal-Aġenzija appellata ma ġietx inserita korrettement fl-atti tal-appell intavolat mill-appellat, u għalhekk tgħid li l-aggravju appellanta Identity Malta Agency għandu jintlaqa'.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell odjern, u filwaqt li tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla stante li l-Bord naqas li jieħu konjizzjoni tar-risposta tal-appellanta, tordna sabiex l-inkartament sħiħ tal-proċedura**

**quddiem il-Bord jintbagħat lura quddiemu għal deċiżjoni fuq il-mertu, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**